SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

10 ta’ Ġunju 2015*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 49 TFUE — Libertà ta’ stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Ishma — Leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li teżenta l-qligħ kapitali u, b’mod korrispondenti, li teskludi t-tnaqqis tat-telf kapitali — Trasferiment minn kumpannija residenti tal-ishma miżmuma f’sussidjarja mhux residenti — Telf kapitali li jirriżulta minn telf tal-kambju”

Fil-Kawża C-686/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (qorti amministrattiva suprema, l-Isvezja), permezz ta’ deċiżjoni tat-18 ta’ Diċembru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta’ Diċembru 2013, fil-proċedura

**X AB**

vs

**Skatteverket,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, J.-C. Bonichot (Relatur), A. Arabadjiev, J. L. da Cruz Vilaça u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal X AB, minn R. Persson Österman, avukat,

— għall-iSkatteverket, minn A. Berg, bħala aġent,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk, C. Meyer-Seitz, U. Persson, K. Sparrman, E. Karlsson, L. Swedenborg u C. Hagerman, bħala aġenti,

— għall-Gvern Daniż, minn C. Thorning u M. Wolff, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Möller, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

— għall-Gvern Spanjol, minn L. Banciella Rodríguez-Miñón, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u J.-S. Pilczer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman u M. Gijzen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, J. Martins da Silva u M. Rebelo, bħala aġenti,

— għall-Gvern Finlandiż, minn J. Heliskoski, bħala aġent,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn L. Christie, bħala aġent, assistit minn R. Hill, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels u J. Enegren, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2015,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn X AB, kumpannija rregolata mid-dritt Svediż, u l-iSkatteverket (amministrazzjoni fiskali) dwar ir-rifjut minn din tal-aħħar li tagħti lil X AB tnaqqis minħabba telf tal-kambju subit fil-kuntest tat-trasferiment ta' ishma f'sussidjarja bbażata fir-Renju Unit.

### Id-dritt Svediż

3 L-Artikolu 13 tal-Kapitolu 24 tal-Liġi (1229:1999) dwar it-taxxa fuq id-dħul [inkomstskattelagen (1999:1229), iktar 'il quddiem l-"IL"] jiddefinixxi l-kunċett ta' "sehem" kif ġej:

"Jikkostitwixxi sehem, sehem miżmum f'kumpannija b'responsabbiltà limitata jew f'kooperattiva jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 14 u jekk ikun miżmum minn persuna ġuridika (detentur) li għandha tkun:

1. kumpannija b'responsabbiltà limitata jew kooperattiva Svediża minbarra kumpannija ta' investiment,

2. fondazzjoni jew assoċjazzjoni Svediża mingħajr skop ta' lukru li ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-eżenzjoni fiskali tal-Kapitolu 7,

3. bank tat-tfaddil Svediż,

4. kumpannija ta' assigurazzjoni reċiproka Svediża, jew

5. kumpannija barranija residenti f'pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea u li hija analoga għal waħda mill-forom ta' impriżi Svediżi mniżżla fil-punti 1 sa 4."

4 L-Artikolu 14 tal-istess Kapitolu 4 tal-IL jipprevedi:

"Is-sehem għandu jikkostitwixxi attiv iżolat u għandu jissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet segwenti:

1. Is-sehem ma għandux ikun is-suġġett ta' valutazzjoni.

2. In-numru totali tal-voti marbuta mal-ishma kollha miżmuma mid-detentur tal-ishma fil-kumpannija li fiha jkollu ishma jammonta għal minn tal-inqas 10 % tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma kollha fil-kumpannija.

3. Is-sehem ikun miżmum għall-finijiet tan-negozju eżerċitat mid-detentur tal-ishma jew minn kumpannija li, fid-dawl ta' relazzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà jew ta' organizzazzjoni, tista' titqies li hija marbuta mill-qrib mad-detentur tal-ishma.

[...]"

5 Il-Kapitolu 25a tal-IL, b'mod partikolari, dwar l-attiv li jikkostitwixxi ishma, jipprevedi, fl-Artikolu 5 tiegħu:

"Qligħ kapitali huwa impost biss fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9. [...]

Telf kapitali jista' jitnaqqas biss jekk qligħ kapitali kkorrispondenti għandu jiġi impost. [...]"

6 Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 9 u 18 ta' dan il-Kapitolu 25a, permezz ta' deroga mir-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5 tal-imsemmi kapitolu, il-qligħ kapitali miksub minn ishma huwa suġġett għat-taxxa fuq il-kumpanniji meta t-trasferiment jikkonċerna ishma f'kumpannija fittizja jew meta jirrigwarda ċerti tipi ta' xiri mill-ġdid.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

7 Matul is-sena 2003, X AB, li għandha s-sede tagħha fl-Isvezja, ħolqot fir-Renju Unit sussidjarja, Y Ltd, li l-ishma tagħha kienu maħruġa f'dollari Amerikani.

8 Bejn is-snin 2003 u 2009, Y Ltd irċeviet kontribuzzjonijiet kapitali permezz ta' emissjonijiet irriżervati għal X AB. Sussegwentement, din tal-aħħar darbtejn ittrasferiet lill-kumpannija parent tagħha stess ishma li kienet iżżomm f'Y Ltd. Wara dawn it-trasferimenti, X AB kienet iżżomm ishma ta' Y Ltd li kienu jammontaw għal madwar 45 % f'kapital kif ukoll f'drittijiet tal-vot.

9 Ma huwiex ikkontestat li dawn l-ishma jikkostitwixxu "ishma" fis-sens tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 24 tal-IL.

10 Peress li X AB xtaqet ittemm l-attivitajiet ta' Y Ltd, hija bdiet tippjana li ttrasferixxi l-imsemmija ishma. Din it-tranżazzjoni, madankollu, kienet tippreżenta riskju ta' telf tal-kambju minħabba l-fatt li, bejn is-snin 2003 u 2009, X AB kienet ikkontribwixxiet lil Y Ltd kapital fi flus b'rata tal-kambju iktar vantaġġuża minn dik eżistenti fid-data meta ġie ppjanat it-trasferiment. Għaldaqstant, X AB għamlet minn qabel riċerka dwar il-possibbiltà ta' tnaqqis ta' dan it-telf potenzjali, iżda ġiet ikkonfrontata mil-liġi fiskali Svediża li minnha jirriżulta li t-telf kapitali mwettaq fuq "ishma" ma jistax, bħala prinċipju, jitnaqqas mill-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji.

11 Għalhekk, X ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem l-iSkatterättsnämnden (Kummissjoni tad-dritt fiskali) dwar il-kwistjoni jekk tali esklużjoni kinitx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni meta tiġi applikata għal telf kapitali li jirriżulta minn telf tal-kambju fir-rigward ta' "sehem" f'kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

12 F'deċiżjoni preliminari tat-18 ta' Marzu 2013, is-Skatterättsnämnden irrispondietha fin-negattiv, minħabba li, fid-dritt fiskali Svediż, la l-qligħ u lanqas it-telf kapitali mwettqa fuq l-ishma li jikkostitwixxu "ishma" ma huma, bħala prinċipju, meqjusa għall-finijiet tal-kalkolu tal-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji.

13 X AB ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Högsta förvaltningsdomstolen (Qorti amministrattiva suprema).

14 Insostenn tat-talba tagħha quddiem il-qorti tar-rinviju, X AB issostni essenzjalment li, minħabba l-leġiżlazzjoni Svediża, l-investimenti li wettqet f'Y Ltd kienu iktar riskjużi minn investimenti nazzjonali paragunabbli. L-argument tagħha huwa prinċipalment ibbażat fuq l-idea li investiment fi Krona Svediża mwettaq f'kumpannija b'responsabbiltà limitata Svediża ma jkun espost għal ebda perikolu ekwivalenti għar-riskju ta' kambju li għalih jista' jiġi suġġett investiment fi Stat Membru ieħor. Is-sistema fiskali Svediża tikkostitwixxi, minħabba f'hekk, ostakolu għall-moviment liberu tal-kapital u għal-libertà ta' stabbiliment, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Deutsche Shell (C-293/06, EU:C:2008:129), li s-soluzzjoni tagħha tista' tiġi applikata għall-kawża prinċipali.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Högsta förvaltningsdomstolen iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 49 TFUE u l-Artikolu 63 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-[Istat] ta' residenza ta' impriża ma [j]ippermettix lil din tnaqqas telf fil-kambju li huwa parti integrali minn telf kapitali fuq sehem li għandha f'kumpanija residenti fi Stat Membru ieħor, fejn l-Istat Membru ta' residenza tal-ewwel impriża japplika sistema li taħtha l-qligħ u t-telf kapitali fuq dawn l-ishma [ma humiex] inklużi fil-kalkolu tal-bażi tat-taxxa?"

## Fuq id-domanda preliminari

*Osservazzjonijiet preliminari*

16 Peress li d-domanda preliminari tirriferi kemm għal-libertà ta' stabbiliment kif ukoll għall-moviment liberu tal-kapital, stabbiliti, rispettivament, fl-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE, għandu qabel kollox jiġi stabbilit liema waħda minn dawn iż-żewġ libertajiet tista' tiġi affettwata minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

17 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza ferm stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni s-suġġett tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenzi Test Claimants in the FII Group Litigation, C-35/11, EU:C:2012:707, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Hervis Sport- és Divatkereskedelmi, C-385/12, EU:C:2014:47, punt 21).

18 B'hekk, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE, dwar il-libertà ta' stabbiliment, leġiżlazzjoni nazzjonali li hija intiża sabiex tapplika biss għall-ishma li jippermettu li tiġi eżerċitata influwenza determinanti fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija u li jiġu ddeterminati l-attivitajiet tagħha (sentenzi Test Claimants in the FII Group Litigation, C-35/11, EU:C:2012:707, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Hervis Sport- és Divatkereskedelmi, C-385/12, EU:C:2014:47, punt 22).

19 Min-naħa l-oħra, dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw għal ishma miksuba biss bl-intenzjoni li jsir investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li jiġu influwenzati t-tmexxija u l-kontroll tal-impriża għandhom jiġu eżaminati b'mod esklużiv fir-rigward tal-moviment liberu tal-kapital (sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation, C-35/11, EU:C:2012:707, punt 92, u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Svediża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jidher li l-kategorija ta' "ishma" ma tinkludix biss l-ishma li n-numru totali tal-voti tagħhom jammonta għal minn tal-inqas 10 % tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma kollha fil-kumpannija miżmuma, iżda tinkludi wkoll l-ishma li ma jkunux s-suġġett ta' valutazzjoni, u dan mingħajr kundizzjoni ta' perċentwali minima.

21 Barra minn hekk, diġà ġie deċiż li sehem ta' mill-inqas 10 % tal-kapital jew tad-drittijiet ta' vot f'kumpannija ma jimplikax neċessarjament li l-proprjetarju ta' dan is-sehem jeżerċizza influwenza determinanti fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija li tagħha huwa azzjonist (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, EU:C:2006:774, punt 58, u Itelcar, C-282/12, EU:C:2013:629, punt 22).

22 Konsegwentement, waħdu, is-suġġett tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jippermettix li jiġi ddeterminat jekk din il-leġiżlazzjoni taqax b'mod ċar taħt l-Artikolu 49 TFUE jew taħt l-Artikolu 63 TFUE.

23 F'każijiet bħal dawn, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi fattwali tal-kawża inkwistjoni sabiex tiddetermina jekk is-sitwazzjoni involuta fil-kawża prinċipali taqax taħt waħda jew l-oħra mill-imsemmija dispożizzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation, C-35/11, EU:C:2012:707, punti 93 u 94 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

24 F'dan ir-rigward, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li X AB iżżomm 45 % tal-ishma ta' Y Ltd, kemm f'kapital kif ukoll f'drittijiet tal-vot. Madankollu, diġà ġie deċiż li l-akkwist ta' tali perċentwali ta' ishma huwa, bħala prinċipju, ta' natura tali li jagħti lid-detentur tagħhom "influwenza determinanti", fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 18 ta' din is-sentenza, fuq id-deċiżjonijiet u l-attivitajiet tal-kumpannija kkonċernata (ara, b'analoġija, is-sentenza SGI, C-311/08, EU:C:2010:26, punt 35).

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha titqies bħala li tirreferi għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment.

*Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment*

26 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru li teżenta mit-taxxa fuq kumpanniji l-qligħ kapitali mwettaq fuq l-ishma u li teskludi b'mod korrispondenti t-tnaqqis tat-telf kapitali mwettaq fuq dawn l-ishma, anki meta dan it-telf kapitali jirriżulta minn telf tal-kambju.

27 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 49 TFUE jimponi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment. Għaldaqstant, għalkemm, skont il-kliem tagħhom, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE relatati mal-libertà ta' stabbiliment huma intiżi sabiex jiżguraw il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, dawn jipprekludu xorta wkoll li l-Istat Membru ta' oriġini jostakola l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew ta' kumpannija inkorporata skont il-leġiżlazzjoni tiegħu (sentenzi Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punt 31; National Grid Indus, C-371/10, EU:C:2011:785, punt 35, u Bouanich, C-375/12, EU:C:2014:138, punt 57).

28 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li l-miżuri kollha li jipprojbixxu, jimpedixxu jew irendu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà għandhom jitqiesu bħala tali restrizzjonijiet (ara s-sentenzi National Grid Indus, C-371/10, EU:C:2011:785, punt 36; Finanziaria di Diego della Valle & C., C-380/11, EU:C:2012:552, punt 33, u Bouanich, C-375/12, EU:C:2014:138, punt 58).

29 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali effetti restrittivi jistgħu jseħħu b'mod partikolari meta, minħabba leġiżlazzjoni fiskali, kumpannija tista' tiġi dissważa milli toħloq entitajiet li jaqgħu taħtha, bħal stabbiliment permanenti, fi Stati Membri oħrajn u milli teżerċita l-attivitajiet tagħha permezz ta' dawn l-entitajiet (sentenzi Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punti 32 u 33; Keller Holding, C-471/04, EU:C:2006:143, punt 35, kif ukoll Deutsche Shell, C-293/06, EU:C:2008:129, punt 29).

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni fiskali Svediża inkwistjoni fil-kawża prinċipali teskludi bħala prinċipju mill-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji l-qligħ kapitali mwettaq fil-kuntest tat-trasferiment tal-"ishma", fis-sens tal-IL. B'mod simetriku, din il-leġiżlazzjoni ma tipprevedi ebda tnaqqis tat-telf kapitali mwettaq fuq dawn it-tranżazzjonijiet, u dan irrispettivament mill-kwistjoni jekk il-kumpanniji li l-"ishma" tagħhom huma s-suġġett ta' trasferiment humiex jew le stabbiliti fl-Isvezja.

31 B'hekk, it-telf kapitali fuq it-trasferiment tal-"ishma" li jirriżulta minn telf tal-kambju ma jistax jitnaqqas la fil-każ li, bħal fil-kawża prinċipali, l-ishma jkunu miżmuma f'kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u lanqas fil-każ li jkunu miżmuma f'kumpannija stabbilita fl-Isvezja — irrispettivament minn jekk il-kapital ta' din tal-aħħar ikunx barra minn hekk maħruġ fi Krona Svediża jew fi kwalunkwe munita oħra aċċettata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

32 Għaldaqstant, bil-kontra għal dak li ssostni r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-investimenti f'"ishma" imwettqa fi Stat Membru ieħor barra mir-Renju tal-Isvezja ma humiex, fid-dawl tal-assenza tal-possibbiltà ta' tnaqqis tat-telf tal-kambju, ittrattati b'mod iktar sfavorevoli mill-investimenti simili mwettqa fl-Isvezja.

33 F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li, anki jekk jitqies li din l-assenza ta' possibbiltà ta' tnaqqis tista' tpoġġi fi żvantaġġ lil kumpannija li tkun investiet f'"ishma" f'kumpannija stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, minħabba li tkun esposta għat-telf tal-kambju meta, bħal fil-kawża prinċipali, dan l-investiment isir f'ishma maħruġa f'munita differenti minn dik tal-Istat Membru ospitanti, mill-kompetenza fiskali tal-Istati Membri jirriżulta li l-libertà tal-kumpanniji li jagħżlu bejn id-diversi Stati Membri ta' stabbiliment b'ebda mod ma timplika li dawn tal-aħħar huma obbligati jadattaw is-sistema fiskali rispettiva tagħhom għad-diversi sistemi ta' tassazzjoni tal-Istati Membri l-oħra sabiex jiggarantixxu li kumpannija li tkun għażlet li tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru tkun intaxxata, fil-livell nazzjonali, bl-istess mod bħal kumpannija li tkun għażlet li tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru ieħor, ladarba din l-għażla tista', skont il-każ, tkun iktar jew inqas vantaġġuża jew żvantaġġuża għal din il-kumpannija tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Deutsche Shell, C-293/06, EU:C:2008:129, punt 43, u Krankenheim Ruhesitz am Wannsee-Seniorenheimstatt, C-157/07, EU:C:2008:588, punt 50).

34 Bl-istess mod, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li jobbligaw lill-Istati Membri jadattaw is-sistema fiskali rispettiva tagħhom sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni r-riskji eventwali ta' kambju li għalihom ikunu esposti l-kumpanniji minħabba l-fatt li, fit-territorju tal-Unjoni, għadhom jeżistu diversi muniti li bejniethom ma teżistix rata tal-kambju fissa jew leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jippermettu, kif huwa l-każ fil-kawża prinċipali, li l-kapital tal-kumpanniji jinħareġ f'muniti ta' Stati terzi.

35 Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tirrestrinġi l-libertà ta' stabbiliment.

36 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata bid-dikjarazzjonijiet tas-sentenza Deutsche Shell (C-293/06, EU:C:2008:129), li minnhom tagħmel użu X AB.

37 F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment jipprekludu lil Stat Membru milli jeskludi, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-bażi ta' stima nazzjonali, telf tal-kambju mġarrab minn kumpannija li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fit-territorju ta' dan l-Istat, fil-kuntest tar-ripatrijazzjoni tal-kapital inizjali li hija kienet allokat lil stabbiliment permanenti tagħha li jinsab fi Stat Membru ieħor.

38 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk waslet għal din il-konklużjoni f'kuntest legali differenti minn dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, kif osservat il-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza Deutsche Shell (C-293/06, EU:C:2008:129) kienet tipprevedi li, bħala regola ġenerali, il-qligħ tal-kambju kien intaxxat u, b'mod korrispondenti, it-telf tal-kambju kien jitnaqqas, sakemm ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja ma kienx jistipula mod ieħor.

39 Madankollu, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-kawża prinċipali peress li, kif intqal fil-punt 30 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni fiskali Svediża inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija bħala prinċipju indifferenti għar-riżultati tat-tranżazzjonijiet ta' kapital fir-rigward ta' "ishma", li fir-rigward tagħhom ir-Renju tal-Isvezja għażel, bħala regola ġenerali, li ma jeżerċitax il-kompetenza fiskali tiegħu.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment ma jistax jiġi dedott li dan l-Istat Membru huwa obbligat jeżerċita — barra minn hekk b'mod asimetriku — il-kompetenza fiskali tiegħu sabiex jippermetti t-tnaqqis tat-telf ikkawżat minn tranżazzjonijiet li r-riżultati tagħhom, li kieku kienu pożittivi, fi kwalunkwe każ ma kinux jiġu ntaxxati.

41 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru li, bħala prinċipju, teżenta mit-taxxa fuq il-kumpanniji l-qligħ kapitali mwettaq fuq ishma u li teskludi b'mod korrispondenti t-tnaqqis tat-telf kapitali mwettaq fuq dawn l-ishma, anki meta dan it-telf kapitali jirriżulta minn telf tal-kambju.

**Fuq l-ispejjeż**

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru li, bħala prinċipju, teżenta mit-taxxa fuq il-kumpanniji l-qligħ kapitali mwettaq fuq ishma u li teskludi b'mod korrispondenti t-tnaqqis tat-telf kapitali mwettaq fuq dawn l-ishma, anki meta dan it-telf kapitali jirriżulta minn telf tal-kambju.**

Firem